MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 806/2005

**Oliver de Giorgio - Miller**

**vs**

**Synergene Holdings Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Settembru, 2005, bil-prodeċura sommarja speċjali li bih l-attur wara li ppremetta;

Illi s-soċjeta' konvenuta Synergene Holdings Limited kienet inkarigat lill-attur Oliver de Giorgio – Miller sabiex jagħtiha servizzi professjonali in konnessjoni man-negozju tagħha u ma xi żviluppi li xtaqet tagħmel;

Illi l-kumpannija konvenuta intrabtet li tħallas direttament lill-attur is-somma ta' Għaxart elef dollaru Amerikan fix-xahar kif ukoll li tirrimborsa l-ispejjeż minnu nkorsi;

Illi l-konvenuta għandha tagħti lill-attur is-somma ta' ħmistax-il elf u tmintax-il Lira Maltija u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm15,018.46) rappreżentanti arretrati tal-ħlas mensili lilu dovut kif ukoll in rigward ta' spejjeż minnu nkorsi u dan skond statement of account aċċettata mill-kumpannija konvenuta;

Illi l-konvenuta aċċettat li din is-somma hi fil-fatt dovuta u f'dan ir-rigward intbagħtet ittra datata 4 t'April 2005 fejn il-konvenuta intrabtet li tissalda dan l-ammont sa l-aħħar ta' April 2005;

Illi stante li l-ħlas baqa' ma sarx fid-9 ta' Mejju 2005, l-attur bagħat ittra uffiċjali permezz ta' liema talab il-ħlas. Għal din l-ittra l-kumpannija konvenuta irrispondiet li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-kumpannija konvenuta baqgħet ma wettqet l-ebda ħlas u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Illi t-talbiet attriċi huma ċerti, likwidi u dovuti u l-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni valida fil-Liġi x'jagħtu sabiex permezz tagħha jopponu t-talbiet attriċi;

Għaldaqstant l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi;

1. Tipproċedi bis-smigħ ta' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skond il-proċedura preskritta fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tordna u tikkundanna l-istess soċjeta' konvenuta tħallas, l-ammont ta' ħmistax-il elf u tmintax-il Lira Maltija u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm15,018.45), somma bilanċjali dovuta lill-attur Oliver de Giorgio-Miller kif premess brevement f'din iċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa, flimkien mal-imgħax mid-data tad-debitu sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tad-9 ta’ Mejju 2005, kif ukoll tal-atti kawtelatorji ppreżentati kontestwalment ma’ din il-kawża, kif ukoll inkluż ammont raġjonevoli li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida, rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi mill-attur fil-komunikazzjonijiet mal-Avukat tiegħu f’Malta u fl-ispejjeż inkorsi sabiex jivvjaġġa Malta biex jiltaqa’ mal-kontroparti u sabiex jippreżenta u jattendi għall-kawża minnu promossa kontra l-istess konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta’ konvenuta li naqset li tippreżenta nota ta’ eċċezzjonijiet u lanqas dehret quddiem il-Qorti meta ssejħet il-kawża u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni ta’ l-attur;

Semgħet l-Avukat ta’ l-attur;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati u mistħoqqa;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta’ konvenuta tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur kif dedotti fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------